# Kwadri Artistiċi fil-Knisja l-Qadima

## Il-Kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni

*jikteb Vince Caruana*



Fl-aħħar ħarġa tkellimna dwar wieħed mill-erba' kwadri laterali li nsibu fil-Knisja l-Qadima, eżattament dwar il-kwadru tat-Twelid tal-Madonna li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-entratura prinċipali. It-tlett kwadri l-oħra jittrattaw ukoll lill-Omm Alla, li matul iż-żminijiet ġiet imsejħa u mżejna b'diversi titli, fosthom il-Kunċizzjoni, l-Assunzjoni, u l-Annunzjazzjoni. L-idea ta' dawn l-erba' kwadri laterali kienet tal-Kappillan Dun Franġisk Mizzi li dam imexxi l-parroċċa għal 39 sena sħaħ. Bla dubju ta' xejn, Giuseppe Calì, wieħed mill-ġganti fl-arti Maltija u li ħalla diversi xogħolijiet oħra f'din il-knisja, ma naqasx li jiżviluppa din l-idea f'erba kwadri imprezzabbli.

Ta' min isemmi li dawn il-kwadri swew Lm18-il wieħed u ħallsu għalihom is-sajjieda li kienu jaħdmu fuq id-dgħajjes tat-tartarun. Dawn id-dgħajjes kienu waħda ta' Alfonso Grech u ħuh Carmelo Grech u l-oħra ta' Ġanni Grech, ilkoll minn Għajnsielem. Dawn l-erba' kwadri li saru fis-snin 1913 u 1914, ġew imbierka mill-Kappillan Mizzi bl-awtorizzazzjoni tal-Isqof Djoċesan.



### Is-Suġġett tal-Immakulata Kunċizzjoni

F'din il-ħarġa jmiss li naraw ftit fid-dettal l-ewwel kwadru li tlesta minn dawn l-erba' kwadri laterali, jiġifieri dak tal-Kunċizzjoni. Iżda qabel ma nagħtu titwila lejn dan il-kwadru, ejjew nistħarrġu kif dan it-titlu bikri tal-Immakulata Kunċizzjoni sar suġġett popolari mal-artisti internazzjonali.

Il-misteru tat-Tnissil bla Tebgħa kien wieħed kontroversjali lura fis-snin, speċjalment bejn il-patrijiet Franġiskani li ħaddnu dan it-twemmin u dawk Dumnikani. Fi żmien San Franġisk kienet teżisti ċ-ċelebrazzjoni tal-festa tat-Tnissil ta' Marija li taf il-bidu tagħha fis-seklu sebgħa, iżda din ċ-ċelebrazzjoni mhux l-istess bħal dak tal-festa tat-Tnissil bla Tebgħa kif nafuha llum. Din tal-aħħar ġiet żviluppata aktar tard mill-iskola Franġiskana. Fiż-Żminijiet tan-Nofs kienu jiċċelebraw il-festa tal-Kunċizzjoni ta' Marija nhar it-8 ta' Diċembru, iżda mingħajr ma kienu jiddiskutu l-fatt tat-Tnissil bla tebgħa. Kien il-Papa Sistu IV li approva d-duttrina tal-Immakulata Kunċizzjoni fl-1475 u kien f'dan iż-żmien li bdiet tikber il-popolarità tagħha. Infatti, ftit tas-snin wara biss, proprju fis-sena 1492 insibu l-ewwel rappreżentazzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni mill-artist Carlo Crivelli. Illum din tinsab fin-National Gallery f'Londra. Fl-1497 u fl-1498, l-artisti Matteo da Gauldo u Piero di Cosimo ukoll taw l-interpretazzjoni tagħhom tal-Kunċizzjoni. Wieħed għadu jista' jammira dawn l-opri artistiċi fil-Museo Civico Rocca Flea u fl-Uffizi rispettivament. Artisti oħrajn bħal Vincenzo di Antonio Frediani u Giovanni Bellini ma naqsux milli jinterpretaw dan is-suġġett fis-snin 1503 u 1513.

Għalkemm kellha tkun is-sena 1854 sabiex l-Papa Piju IX bil-bolla *Ineffabilis Deus* iddikjara sollennament bħala domma ta' fidi li Marija sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf ta' ommha kienet mingħajr ebda dell ta' ħtija, kien fis-seklu 17 li dan is-suġġett gawda l-aktar popolarità fost l-artisti, partikolarment f'Seville fi Spanja. Bla dubju ta' xejn, hawn jispikka l-artist Spanjol Bartolomé Esteban Murillo li kellu għal qalbu ħafna s-suġġett tal-Kunċizzjoni u ttratta din it-tema diversi drabi.

### Il-Kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni

Fil-Kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni, li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-entratura prinċipali fost il-kwadri laterali fil-Knisja l-Qadima, Calì ma naqasx milli jagħti interpretazzjoni meraviljuża ta'

dan is-suġġett li tant kiseb popolarità matul il-firxa taż-żminijiet.

Calì ppreżentalna viżjoni ċelesti mis-sema. B'kuluri ċari u luċidi, tana dehra tal-ġmiel tas-sema li qed jinfetaħ, b'għadd ta' anġli jiddominaw il-parti ta' fuq tal-kompożizzjoni. L-espressjoni idillika fuq wiċċ il-kerubini tikkumplimenta l-atmosfera rilassata li Calì rnexxielu joħloq.

Tiddomina dan il-kwadru, fiċ-ċentru tal-kompożizzjoni, insibu xbieha ħelwa tal-Madonna mpittra b'mod delikat. Mhux biss bħala tfajla grazzjuża b'wiċċ sabiħ b'ħarsitha 'l fuq lejn is-sema, iżda Calì ħoloq wiċċ rilassat u kontemplattiv. Donnu l-artist irid juri lil Marija bħala xempju ħaj tal-virtù - xbejba mansweta, umli u ubbidjenti. Naraw lil Marija liebsa tunika bajda b'mantar ikħal, il-kuluri tradizzjonalment assoċjati mal-Madonna, bl-abjad simbolu tal-purità filwaqt li l-ikħal jurina lil Marija bħala Reġina tas-sema. Ta' min jinnota l-istilel lewn id-deheb li jinsabu fit-tarf tal-mantar ikħal kif ukoll stilla unika li tinsab fl-għonq tat-tunika l-bajda. Dawn l-istilel b'ħames ponot huma simbolu tan-Natività. Filwaqt li naraw lil Marija b'idejha ma' xulxin f'direzzjoni 'l fuq lejn is-sema, fuq in-naħa t'isfel tal-kompożizzjoni nsibu lil Marija qiegħda tgħaffeġ b'riġlejha serp b'tuffieħa f'ħalqu. Kemm is-serp kif ukoll it-tuffieħa huma simbolu tad-dnub, partikolarment marbutin mal-istorja ta' Adam u Eva fil-Ġnien tal-Eden. B'hekk l-artist ikompli jwassal il-messaġġ ta' Marija bħala xbejba bla mittiefsa. Taħt riġlejha jidher ukoll qamar fejn ix-xbieha tal-Madonna tidher isserraħ fuqu. Hekk kif il-qamar jirċievi d-dawl mix-xemx, hekk il-persuna umana ta' Marija tirċievi s-sbuħija u l-purità mingħand Alla. Sintendi, Calì għaraf jgħaqqad flimkien il-virtujiet sbieħ fix-xbieha ħelwa tal-Madonna li tiddomina dan il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**Insalvaw il-wirt artistiku**

Ċertament, dan il-kwadru flimkien ma' diversi oħrajn ta' dan il-pittur ċelebri Malti li nsibu fil-Knisja l-Qadima jagħmlu parti mill-kullana ta' teżori artistiċi Maltin li nsibu fil-gżejjer tagħna. Hija ħasra li dawn l-opri ta' Calì nħalluhom jisfumaw fix-xejn. Illum qabel għada tinħass il-ħtieġa ta' pjan ta' restawr u konservazzjoni sabiex jiġi salvat dan il-wirt artistiku.

